MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 18/K7/2013 |
| Data: | It-Tlieta 3 ta' Gunju 2014 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Lino Bartolo |
| | Skużat | Sur Alan Abela Wadge |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat it-Tlieta 29 ta' Mejju, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 17/K7/2014
2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 17(2)/K7/2014
3. Materji mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
6. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
7. Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru
8. Affarijiet oħra jekk urġenti
9. Aġġornament

**Seduta Numru 18/14**

829 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

**1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 17/K7/2014.**

830 Is-Sur Brincat ġibed l-attenzjoni li meta ġiet diskussa Materja 682 (ċitazzjoni ta' Larkin Brincat) hu ħareġ mill-laqgħa. Dan il-punt ser jiġi miżjud mal-minuti.

831 Il-Kunsill approva l-minuti tas-17-il-laqgħa.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 17(2)/K7/2014**

832 Il-minuti tal-kontinwazzjoni tas-17-il-laqgħa ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet.

**3 Materji mill-Minuti (17/K7/2014)**

833 Materja 764: Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq il-materji li kienu pendenti mat-Trasport Malta. Hu ġie informat li l-flus dovuti waslu biex jingħataw lill-Kunsill (Triq Prinċipessa Margerita), u li l-ħajt fi Triq Mikiel Anton Vassalli ġie msewwi. Is-Sur Matthew Agius saqsa jekk il-Kunsill inqatax aktar informazzjoni fuq il-crossing li ġie propost fi Triq Dun Karm. Sar qbil li terġa tintalab laqgħa mas-Sur James Piscopo.

834 Materja 765: Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq id-daqs tal-kaxxa tal-parking u s-Segretarju kkonfermat li jrid ikun hemm metro fuq kull naħa skont il-'policy' tat-TM. Is-Segretarju ppreżentat il-korrespondenza mit-TM.

835 Materja 771: Is-Sur Matthew Agius ġie nformat li l-Kunsill qed jistenna il-konferma minn naħa tal-Pulizija biex jibdew jitħaddmu Pulizija Pajżana u li ma jidhirx li hemm problema. Is-Sindku qalet li ser tikteb lis-Surpretendent Mamo minħabba l-problemi tal-parkeġġ ħdejn l-AVIS.

836 Materja 778: Il-Kunsilliera ġew informati li għandha toħroġ Expression of Interest minħabba s-servizz tal-ġbir tar-recycling. Il-Kunsilliera ġew informatli li fil-proposta tagħhom il-GreenPak riedu li jitneħħew il-Bring-In Sites. Il-Kunsill talab għall-ammont li baqalu jagħtina l-Green MT u ddeċidew li nibgħatu ittra uffiċċjali.

837 Materja 780: Minħabba l-attivita li semma s-Sur Matthew Agius ġie deċiz li tintalab meeting mas-Sur Martin Morana fi ħdan l-MTA biex il-Kunsill jara x'għajnuna hemm available għall-attivita'. Is-Sur Bartolo ssuġġerixxa li l-attivita' tkun Festa tal-Ħut u Snajja.

838 Materja 782: Is-Segretarju Eżekuttiv Is-Sur Matthew Agius qal li jixtieq li jkun preżenti fid-diskussjonijiet tal-Mertu Msida. Is-Sindku qalet li r-regoli ta' dan il-Mertu kienu ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha f'l-ewwel ta' Awwissu li għadda u ħadd ma kien bagħat kummenti.

839 Materja 685: Fuq l-attivita' tal-World Cup Village li kien ser jiġi organiżata mill-klabb tal-Futbol ta' L-Imsida, is-Segretarju nformat lill-Kunsill li din l-attivita' ġiet ikkanċellata.

840 Il-laqgħa ġiet sospiża għal xi ħin. Wara ftit minuti kompliet.

841 Materja 786: Is-Sur Maurice Agius ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill biex ma jsirx infieq żejjed fl-attivita' tan-Nursery tal-Futboll. Il-Kunsill kien qabel li ma jintefqux aktar minn €500 għal din l-attivita'.

842 Materja 787: Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li intbagħtu l-ittri kemm lill-individwu li saqsa fuq informazzjoni fuq il-Kumitat tas-sajd u anke lill-Kumitat stess biex jintalbu jagħtu l-informazzjoni fuq il-membri.

843 Materja 788: Is-Sindku informat lill-Kunsill li s-Sur Dimech tkellem mas-soru u fehmha li l-problema li hemm hija fuq il-propjeta' tagħha u li l-Kunsill għamel dak kollu li seta biex jgħinha. Hu qal li fehmet is-sitwazzjoni.

## 4 Materji mill-Minuti (17(2)/K7/2014)

844 Materja 800: Il-Kunsill ġie nformat li l-Festun ġie mogħti lill-Paroċċa tas-Swatar u li l-Kunsill ta' Birkirkara ntrabat li ser iħallas il-Kunsill għall-bozzoz. Issa ma jkunx hemm għalfejn li l-Kunsill jidhol fi spiża ta' kirja kull sena fil-Festa tas-Swatar.

845 Materja 804: Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-proposta tat-Triq fil-proġett ta' Ċensu Farrugia ġiet approvata mit-TM. Żdiedu żewġ 'pedestrian crossings' f'kull naħa. Is-Sindku qalet li hi ser tkompli tgħamel pressjoni fuq il-Perit u fuq il-MEPA biex il-permessi joħorġu kemm jista' jkun malajr.

846 Materja 808: Fir-rigward tal-proġett tal-Birdlife il-Kunsilliera kollha qablu li l-Kunsill ta' L-Imsida għandu jieħu sehem. Ġew informati li l-proġett ser jieħu ftit fit-tul. Is-Sur Maurice Agius ikkumenta li hemm resident (45 Rue D'Argens) li mhux qed iħalli l-kennies jiknes biex jitma l-ħammiem. Sar qbil li s-Supretendent Mamo tiġi nformata bil-ħinijet u l-postijiet fejn qed isir 'feeding' tal-ħammiem. Is-Sur Charles Selvaggi qal li mportanti li l-Kunsilliera joqgħodu attenti meta jkunu ser jiġbdu l-attenzjoni lil xi ħadd li jkun qed jikser xi regola/liġi. Hu qal li Kunsillier huwa fid-dmir li jagħmel dan pero' jekk il-persuna tirreaġixxi b'mod aggressiv jista' jkun hemm il-problemi u għalhekk importanti li jkun hemm sapport mill-pulizija.

847 Materja 809: Minħabba l-Bins tal-Klieb il-Kunsill ser ikollu jikseb kwotazzjoni biex jinxtraw minħabba li tal-Blues Ltd għadhom ma sabux reklami għal bins li l-Kunsill kien ser iġib mingħajr ħlas mingħandhom u qed jgħaddi wisq żmien.

848 Materja 812: Fir-rigward tat-tibdil tal-Bye Law is-Segretarju qalet li hi ser jkollha laqgħa mad-Direttur tad-DLG il-Ħamis u qalet li ser titkellem miegħu fuq il-kwistjoni tal-multa tal-Bye Law. Sar qbil li jiġi mistoqsi jekk il-multa tkunx tista tkun kontinwa minħabba li hu reat kontinwu. Is-Sur Matthew Agius qal li min itellgħa d-dgħajsa tiegħu, fil-preżent jaqbillu jħallas il-multa malli jħallas post alternattiv fejn itellgħa d-dgħajsa. Sar qbil li jekk DLG ma jkunux jistgħu jgħinu ssir diskussjoni ma' tat-TM (Malta Maritime Authority).

849 Materja 815: Is-Sur Selvaggi ġibed l-attenzjoni li l-Floodlight li hemm fil-ġnien tal-Bandli mhux qed jixgħel.

850 Materja 816: Is-Sur Selvaggi talab li ssir aktar pressjoni fuq it-TM minħabba iż-Zebra Crossing ta' Triq il-Wied ta' L-Imsida minħabba li sar xi incident ricenti fiż-żona.

851 Materja 818: Is-Sur Matthew Agius u s-Sur Charles Selvaggi qali li l-Kunsill għandu jerġa jikteb lill-Ministru minħabba r-Residential Parking

Scheme biex il-Kunsill jingħata risposta. Fl-ittra għandu jiġi speċifikat li l-Kunsill kollu jaqbel mal-kontenut ta' l-ittra.

852 Materja 820: Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq ix-xogħolijiet li qed isiru fi Triq Johnny Catania u qal li bl-iskuża tax-xogħolijiet li qed isiru qed jidħol jipparkja 'jeep' fit-triq.

853 Materja 824: Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq il-Priority Lane fi Triq San Alwigi u s-Segretarju nformatu li ser titkellem mal-Perit biex hu jikkonferma kif tkun l-aħjar sistema. Is-Sur Maurice Agius talab li ssir kamera fi triq il-Kunċizzjoni. Is-Sna Galea ssuġġeriet li jkun hemm Warden preżenti f'nofs it-Triq biex jekk jkun hemm xi ħadd għaddej bi speed eċċessiv jew jgħaddu xi Heavy Vehicles dawn jingħataw ċitazzjoni.

854 Materja 821: Is-Sur Maurice Agius issuġġerixxa li jsiru l-kameras fi Triq ix-Xatt tax-Xbiex pero' ma kienx hemm qbil mill-Kunsilliera kollha. Is-Sur Matthew Agius qal ġieli n-nies jgħamlu 'double parking' mhux għax fil-verita' ma jkunx hemm parking imma għax draw hekk. Huma qalu li kieku l-Għassa jibgħatu pulizija li (mhux jagħti c-citazzjonijiet) imma imexxi t-traffiku, imqar il-Ħadd fil-għodu, minħabba li din hija l-agħar gurnata. Is-Sur Selvaggi issuggerixxa li jsiru xi ftit parkeġġi li wieħed ikun jista joqgħod fihom għaxar minuti biex n-nies ikollhom fejn jieqfu. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li ssir laqgħa ma' tal-Busy Bee fejn anke huma forsi jistgħu joħorġu b'soluzzjoni huma. Hu qal li huma jagħtu xi 'bonus' lill-istaff li jagħżel li ma jiġix bil-karozza għax-xogħol.

855 Materja 823: Is-Segretarja ġiet imfakkra fuq it-tabelli ta' Triq Censu Farrugia. Tabella tad-Dead End trid titla l-fuq. Is-Sna Galea semmiet li hemm bżonn ta' tabella 'Stop' fit-tarf ta' Triq Ċensu Farrugia (fejn in-niżla tmiss ma' Triq l-Irmiġġ). Is-Sur Bartolo semma li hemm arblu li għandu jiġi rraportat lill-Enemalta minħabba li qiegħed fin-nofs.

## 5 Korrispondenza

856 41/0444: Il-Kunsill irċieva korrespondenza mill-MEPA biex ma joħroġx permessi fi Triq Mons Innocenz Zammit minħabba azzjoni ta' infurzar li qed tittieħed min-naħa tal-MEPA. Il-Kunsill talab li ssir spezzjoni jekk dan hux qed iġib xi makkinarju mingħajr permess.

857 41/0454: Din il-petizzjoni mir-residenti ta' Triq il-Kunċizzjoni minħabba l-annimali li qed jinzammu f'sezzjoni residenjali intbagħtet kemm lil-MEPA u kemm lid-Dipartiment tas-Sanita' u għadhom ma taw l-ebda risposta. Il-Viċi Sindku qal li Farms f'żoni residenzjali jeżistu, pero' sar qbil li s-Segretarju tkompli titlob risposta.

858 41/0507: Din l-ittra mid-Dipartiment ta' l-artijiet kienet tikkonċerna pjanijiet ta' Kunsill preċedenti li ssir Kiosk fil-ġnien. Is-Segretarju wieġbet billi qalet li dan mhux ser isir u talbet għad-devoluzzjoni tal-Ġnien fi żmien qasir.

859 41/0509: Din l-ittra hija rapport fuq il-Playing Fields li jsiru ta' regolarment. Ma hemmx problemi kbar pero sar qbil li l-merry go round għandha tinqala.

860 41/0514: Din l-imejl intbagħtet mill-Kunsillier Brincat rigward taraġ li jista jkun ta' periklu fi Triq Dun Karm. Is-Segretarju għamlet rapport lill-Pulizija.

861 41/0555: Saret talba biex jintrema Bouncing Castle fil-ġnien fiż-żmien tal-Festa izda l-Kunsill qabel li ma hemmx wisgħa fejn u li minħabba li jkun hemm il-ġiġġifogu fil-qrib aħjar ma jsirx fil-ġnien.

862 41/0529: Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq din il-korrespondenza u ġie informat li l-korrespondenza mhux mill-Ministeru t'Għawdex, pero' mingħand persuna li jaħdem fil-Ministeru t'Għawdex.

## 6 Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.

863 L-Iskeda tal-pagamenti tal-Kunsill ġiet approvata u ffirmata.

864 Is-Segretarju kellha ticcekja biss fuq id-deskrizzjoni ta' Pagament numru 1 għax biż-żball donnu tħalla barra. Il-Kunsilliera talbu informazzjoni fuq pagamenti 47 u 48 ukoll.

## 7 Kumitat Amministrattiv Swatar

865 Is-Sindku introduċiet il-membri tal-Kumitat Amministrattiv ġdid tas-Swatar li kienu preżenti għall-laqgħa tal-Kunsill. Filwaqt li awgurawlhom, il-Viċi Sindku qallhom li għandhom dejjem jżommu kuntatt mas-Sindku u s-Segretarju, fil-waqt li jiddiskutu x-xewqat/proposti tagħhom fil-laqgħat tagħhom u rappreżentat wieħed jattendi l-laqgħa tal-Kunsill ta' L-Imsida f'isimhom. Intqal li l-KAS għandu problema iżjed mill-kumitati l-oħra għax maqsum bejn żewġ Kunsilli pero' dejjem jidher li kien hemm kooperazzjoni tajba bejn il-Kunsill ta' L-Imsida u l-KAS.

## 8 Kommunikazzjoni mill-laqgħat li saru

866 Working Group - Festa 2014: Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda proposta mill-MCAST għall-medalja/trofew. Is-Sur Bartolo

ġab il-forma li ħadem fuqha s-Sur Pace pero' ma kienx dak li l-Kunsill xtaqt. Saret diskussjoni fuq jekk id-dekorazzjoni li tingħata għal dan il-mertu għandiex tkun Medalja jew trofew u s-Sur Matthew Agius sostna li medalja tkun tista tibqa tintlibes fl-attivitajjiet uffiċċjali tal-Kunsill.

867 Sar qbil li ser isir kumitat biex jintgħazel dak li ser jiehu l-medalja tal-Mertu. Il-membri li gew issuġġeriti kienu l-Imhallef Philip Sciberras, Dr Carmelo Grima (Ex-Sindku) u s-Sur Matthew Dimech (ex-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' L-Imsida). Is-Segretarju ser tikkuntathahom.

868 Sar qbil li s-Segretarju terġa tibgħat ir-regolamenti ta' dan il-mertu lill-Kunsilliera biex jekk ikun hemm xi tibdil li jrid isir ikunu jistgħu jissuġġerixxu dan.

869 Sar qbil li l-gieħ li jkun ser jingħata tkun medalja li tkun titsta titpoġġa fuq frame tal-perspex biex tkun tista tigi milbusa f'xi okkazzjoni pero' fl-istess ħin tkun tista' tigi esebita. Is-Sur Bartolo kellu jitkellm mas-Sur Henry Bason biex issir il-medalja l-gdida.

870 Il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx li għandu jieħu dan il-ġieħ Sindku/Kunsillier li jkun serva leġislatura.

871 Sar qbil li jrid isir xi tip ta' rikonoxximent għal min ħa dan il-ġieħ fil-passat bħall-reġistru li jinżamm fil-Kunsill b’deskrizzjoni u ritratt ta’ kull min ħa dan il-mertu.

## 9 Affarijiet Oħra jekk Urġenti

872 Is-Sur Bartolo informa lill-Kunsill li hu tkellem ma' Salvu Mallia (li jagħmel programm fuq kull pajjiż f'Malta u Għawdex) biex isir programm fuq l-Imsida. Għandu jiltaqa miegħu fil-jiem li ġejjin.

873 Is-Sindku nformat lill-Kunsill li permezz ta' skema tad-DLG il-Kunsill għandu b'sitt mitt ewro f'kotba li jista jixtri għall-librerija.

874 Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-librerija tibda tiftaħ anke s-Sibt fil-għodu. Il-Kunsill qabel. Hi qalet li s-Sibt ser jibdew isiru attivitajjiet bħal story telling għat-tfal biex il-librerija tiġbed aktar nies.

875 Is-Segretarju spjegat li Gemma Cassar li qed taħdem mal-Kunsill fuq skema ta' Community Work ta' CCF waslet fl-aħħar 12-il-ġimgħa tas-sentenza tagħha u ġiet approvata li tipparteċipa fi skema ta' Bridging the Gap mill-ETC. F'din l-iskema l-ETC iħallas 4 ġimgħat paga fil-waqt li l-

Kunsill jkopri 8 gimgħat (minimum wage). Is-Segretarju informat lill-Kunsill li hi ġabet permess ta' Temporary Employment mid-DLG biex tkun tista toħroġ l-flus għal din l-iskema. Il-Kunsill approva.

876 Is-Segretarju qalet li minħabba li telqet Marisa Xerri Demanuele hemm bżonn li toħroġ 'Call for Applications' għal skrivana Scale 15 biex tkun tista tagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsill approva li tinħareġ din il-call.

877 Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq l-iskala ta' Mirane Camilleri u qal li din għandha tibqa fl-iskala li hi għalissa imbad meta jiżdidilha x-xogħol, għax tkun trid tieħu post ta' Sonia Vassallo, din titla skala. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

878 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-permess tan-nar u tal-ġar tan-nar tal-Ħamrun. Dan ingħata n-'No Objection' tal-Kunsill.

879 Is-Sur Brincat ħareġ mill-laqgħa (20:16)

880 Il-Kunsill iddiskuta t-talba tal-Klabb tal-Boċċi għal permess tat-Tombla. Dan ġie approvat pero' intqal li importanti li jżommu mal-ħinijet stipulati fil-permess (11pm) li l-i'speakers' jkunu jħarsu l-isfel u li s-siġġijiet ma jitħallewx barra. Sar qbil ukoll li tinżamm depożitu ta' €500 li tingħata lura jekk ma jinkissrux kundizzjonijiet.

881 Il-Kunsill irċieva talba mir-ristorant fi Triq il-Kunċizzjoni 'Is-Santo' biex isiru l-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sur Matthew Agius qal li jippreferi li ma jsirux pero' l-Kunsill qabel li jekk għandhomx isiru jew le hija deċiżjoni tal-MTA. Il-Kunsill qabel li jgħamel in-'No Objection' pero li jikteb li jridu jkun hemm xi 'planters' biex ma jiċċaqalqux l-imwejjed.

882 Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-Kunsill għal-permessi ta' l-armar tal-Festa. Sar qbil li l-ittra mill-KNPD tiġi mehmuża mat-talba tal-permess.

883 Ġiet ippreżentat l-ittra ta' l-Awditur Grant Thornton u r-risposta tas-Segretarju u din ta' l-aħħar ġiet approvata mill-Kunsill.

884 Il-Klabb tal-Ħammiem talbu li jingħataw permess is-Sibt 14 ta' Gunju biex jagħmlu attivita' ta' Majjalata ħdejn il-klabb. Talbu wkoll għal żewġ parkeġġi. Il-Kunsill approva li ssir din l-attivita' b'depożitu ta' €100 u li ma jkunx hemm storbju wara l-11pm, u li jsir it-tindif fiż-żona.

885 Il-Kunsilliera qablu li titkompla l-laqgħa avolja għaddew it-tlett sigħat stipulati mill-liġi (20:30)

886 Is-Sur Maurice Agius qal li f’ Xatt L-Imsida hemm ir-railing tal-ħadid imkisser u il-konkos li fuqu imwaħħlin ir-railings mkissrin. Dan huwa ta’

periklu għax in-nies qegħdin jaqsmu minn hemm minflokk minn mal=-pelican lights. Is-Segretarju ser tirraporta lit-TM.

887 Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bżonn issir xi ħaġa fuq Triq il-Baċir. Is-Segretarju qalet li meta ċċekjat ir-rapport tal-Perit ma kienx hemm miktub li x-xogħol ma sarx sew. Kien hemm miktub li l-ħsara saret minħabba l-ilma li kien hemm. Sar qbil li din il-materja għandha tiġi diskussa mat-TM.

888 Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm bżonn li tinxara borża fertiliser (€40.00) ta' barra. Dan ġie approvat.

890 Is-Sur Bartolo qal li qed jintrema ħafna ħmieg fl-Ghajn tal-Ġasselin, u sar qbil li dan jingħalaq.

891 Is-Sur Bartolo talab biex jitkisser xi konkos fil-Gnien il-qadim (wara l-Bus Stop) biex ikun jista' jidħol 'bowser' kif mitlub mill-ELC minħabba li l-bowser ma jistax joqgħod ipparkjat fit-triq u jżomm it-traffiku. Huwa qal ukoll li jekk dan ma jsirx il-Kunsill ma jistax jippretendi li jkollna l-fjuri f'dik il-parti tal-ġnien. Il-Kunsill qabel.

892 Is-Sna Galea qalet li hemm bżonn li s-siġar fi Triq il-Wied jinżabbru.

893 Is-Sna Galea qalet li hemm il-ħmieġ taħt is-siġar ħdejn il-Gibjun u li dan għandu jitnaddaf. Ser tintalab kwotazzjoni lil tal-SRF Cleaning Services.

894 Is-Sur Selvaggi saqsa fuq talba ta' Reserved Parking ta' Emmanuel Farrugia pero' ġie informat li l-Kunsill għadu ma rċiviex risposta mit-TM.

895 Is-Sur Selvaggi rringrazzja lill-Kunsill li saret ir-rampa mitluba fi Triq Victor Denaro u talab li jsiru refreshing tal-linji tal-parkeġġ fiż-żona. Hu qal li jista' jkun li l-motorcycle bay ikollha tiċċaqlaq u għandhom jiċċekkjaw fuqha s-Sur Selvaggi mas-Sur Brincat.

896 Is-Sur Selvaggi talab ghal aktar informazzjoni fuq linji sofor li saru faċċata ta' xi garaxxijiet fi Triq Mons Innocenż Zammit. Il-Viċi Sindku li kien jaf bil-każ qal li l-kwistjoni kienet aktar waħda ta' aċċess għat-triq milli linji li saru minħabba li talbu s-sidien tal-garaxxijiet. Is-Segretarju ser tiċċekja.

897 Is-Sur Selvaggi saqsa fuq id-dgħajsa li hemm fi Triq Mons Innocenz Zammit u ġie nformat li dik il-parti tat-Triq hija privata.

898 Saret proposta li t-Triq Mons Innoċenż Zammit issir One Way il-ġewwa, mingħajr ħruġ, u l-ħruġ isir minn Triq Dijonisju Fumiċelli għal-Triq it-Torri. Din għandha tiddaħħal mal-proposti tat-Traffic Management li qed jaħdmu fuqhom il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.

899 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-20:55.

Approvati llum ____________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv